MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Numru. 969/2004

PULIZIJA
SPETTUR J HERSEY
VS
RICHARD FENECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Richard Fenech ta’ 34 sena, iben Francis u Maria Therese xebba Vella imwieled Vitoria Gozo, fl-14 t’April 1970, u joqghod 8 San Anton Flats, Locker Street, Sliema, detentur tal-karta tal-Identita’ numru 32470(G), akkuzat talli fit-2 ta’ Lulju 2004 ghal habta tad-disgha ta’ filghaxija, fi Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan, saq vettura ta’ ghamla Fiat X19, minghajr ma kienet illicenzjata mill-Kummisarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta, biex tintuza fit-triq (licenzja mhux renovata).

Talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi

awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal numri tar-registrazzjoni DAU 417 liema numri jappartjenu vettura ohra.

U aktar talli saq vettura bin-numru ta’ identifikazzjoni xort’ohra minn dak moghti mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, cioe’ ghamel uzu minn pjanci bin-numru tar-registrazzjoni Nru DAU 417 ta’ vettura ohra Mazda 323 hamra, fuq vettura tal-ghamla Fiat X19 li kien qed isuq, (sec.15(1A) Chap.65).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-27 ta’ Jannar 2005 fejn l-imputat ammetta ghal l-akkuzi kif dedotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Artiklu 188 tal-Kap 9, Artiklu 151A tal-Kap 65 u Artiklu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur, filwaqt li tikkundannah ghal multa ta’ Lm250 u tissospendilu l-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ tlett xhur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------